MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru. 89/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Robert Xuereb, ta' 20 sena, bin Patrick u 'Marcelle nee' Camilleri, mwieled Rabat (Ghawdex), nhar il-31 ta' Mejju, 1989, residenti fil-fond numru, 10, St Michael, Triq it-Tramuntana, Nadur, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 24289(G);**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Robert Xuereb li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-31 ta' Ottubru, 2009, u matul l-ahhar hames xhur ta' qabel, gewwa Ghajnsielem, (Ghawdex) u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer f'hinijiet differenti;

a) Talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjoni li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) u (c) tal-Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;
b) Ukoll talli f'Ottubru 2009 u erbgha xhur ta' qabel kellu fil-pussees tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien bizzejjed jirrikunsidra l-istess;

Ikkunsidrat :

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti sejra tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali nadifa tal-imputat u l-fatt illi l-imputat jehtieg l-ghajnuna biex jeghleb il-vizzju tieghu tad-droga;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 8 (a) u (c) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament 9 GN 292/1939 kif sussegwentement emendati, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta’ Probation ghal zmien sena mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perjodu li jkun qieghed taht Ordni ta’ Probation;

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-dokument ‘F’ esebit fl-atti tal-kawza u tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jaghmel dan.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------